

Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Settembru 2012 — Gozi vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-519/11 P) ⁽¹⁾

“Appell — Servizz pubbliku — Uffiċjali — Talba għall-assistenza — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrifjuta l-għoti lill-appellant tar-rimbors tal-ispejjeż imħallsa fil-kuntest ta' proċedura quddiem qorti kriminali nazzjonali — Appell parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat”

(2012/C 319/17)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Appellant: Sandro Gozi (Sogliano Al Rubicone, l-Italja) (rappreżentanti: G. Passalacqua u G. Calcerano, avukati)

Il-parti l-oħra fil-kawża: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u J. Baquero Cruz, aġenti)

Suġġett

Appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (L-Ewwel Awla), tal-20 ta' Lulju 2011, Gozi vs Il-Kummissjoni (F-116/10, li għadha ma ġietx ippublikata fil-Ġabra), u intiż għall-annullament ta' din is-sentenza.

Dispożittiv

(1) L-appell huwa miċħud.

(2) Sandro Gozi għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk tal-Kummissjoni Ewropea fil-kuntest ta' din l-istanza.

⁽¹⁾ ĠU C 347, 26.11.2011.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Settembru 2012 — Technion u Technion Research & Development Foundation vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-657/11) ⁽¹⁾

“Rikors għal annullament — Sitt Programm Qafas għar-Riċerka, l-Iżvilupp Teknoloġiku u l-Attivitajiet ta' Dimostrazzjoni — Ittra li tħabbar l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tirkupra l-ammonti aġġustati sabiex jiġi eżegwit kuntratt ta' finanzjament ta' riċerka — Atti li ma jistgħux jiġu separati mill-kuntratt — Inammissibbiltà”

(2012/C 319/18)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorreni: Technion — Israel Institute of Technology (Haifa, l-Iżrael) u Technion Research & Development Foundation Ltd (Haifa) (rappreżentanti: D. Grisay u D. Piccinino, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Calciu u F. Moro, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tal-ittra tal-Kummissjoni, tad-19 ta' Ottubru 2011, li tħabbar l-ħruġ ta' nota ta' debitu għar-rimbors ta' somma ta' EUR 97 106,72, li tikkorrispondi għall-ammont tas-sommom aġġustati għall-kuntratt Nru 034984 (Mosaica), skont il-konklużjonijiet tal-verifika finanzjarja fir-rigward, b'mod partikolari, ta' dan il-kuntratt, iffirmit fil-kuntest tas-Sitt Programm Qafas tal-Komunità Ewropea għar-Riċerka, l-Iżvilupp Teknoloġiku u l-Attivitajiet ta' Dimostrazzjoni li jikkontribwixxi għat-twettiq taż-żona Ewropea ta' riċerka u ta' innovazzjoni (2002-2006).

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.

(2) Technion — Israel Institute of Technology u Technion Research & Development Foundation Ltd huma kkundannati għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 73, 10.03.2012

Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Settembru 2012 — Elitaliana vs Eulex Kosovo

(Kawża T-213/12 R)

“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Kuntratti pubbliċi — Proċedura ta' sejħa għal offerti — Ċaħda ta' offerta — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Ksur tar-rekwiżiti proċedurali — Inammissibbiltà”

(2012/C 319/19)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorreni: Elitaliana SpA (Ruma, l-Italja) (rappreżentant: R. Colagrande, avukat)

Konvenut: Eulex Kosovo (Pristina, ir-Repubblika tal-Kosovo) (rappreżentant: G. Brosadola Pontotti, solicitor)

Suġġett

Talba intiża, essenzjalment, għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' Eulex Kosovo li tiċħad l-offerta li r-rikorreni kienet ippreżentat fil-kuntest tal-proċedura għall-għoti ta' kuntratt pubbliku intitolat “EuropeAid/131516/D/SER/XK — Helicopter Support to the EULEX Mission in Kosovo (PROC/272/11)” u li tiddeċiedi li tagħti dan il-kuntratt lil offerenti oħra.